**QORTI CIVILI PRIM’AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 30 ta’ Gunju, 2025**

**Mandat Nru: 627/2025/1 AF**

**L-Avukat Dottor Joseph Anton Schembri u martu Anna Maria Schembri, Colin Bason, Allison Jean Bigden, Michael Bradbury, Steve Vassallo u martu Roberta Vassallo u Roberta Satariano lkoll sidien ta’ appartamenti formanti parti mill-korp magħruf bħala Block C, Crown Marina Apartments, Ta’ Xbiex**

**U**

**Cold Stores Property Development Limited**

**vs**

**Cast Properties Limited u Carlo Schembri għal kull interess li jista’ jkollu**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tal-Avukat Dottor Joseph Anton Schembri u martu Anna Maria Schembri, Colin Bason, Allison Jean Bigden, Michael Bradbury, Steve Vassallo u martu Roberta Vassallo u Roberta Satariano lkoll sidien ta' appartamenti formanti parti mill-korp magħruf bħala Block C, Crown Marina Apartments, Ta' Xbiex.

Rat id-dokumenti annessi.

Semghet lid-difensuri jittrattaw ir-rikors li thalla sabiex jigi degretat *in camera*.

Rat l-Art. 873 u l-gurisprudenza estensiva fil-kuntest.

Ikkunsidrat illi r-rikorrenti qeghdin jitolbu lil din il-Qorti zzomm lill-intimati milli jizviluppaw bejt ta' korp ta' bini li fih huma sidien ta' appartamenti rispettivi. Il-bejt in kwistjoni nbiegh lis-socjetà intimata mis-socjetà Cold Stores Property Development Limited, rikorrenti wkoll.

Il-kuntratt li bih Cold Stores Property Development Limited ittrasferiet lil Cast Properties Limited, impona fuq ix-xerrej li ma jista' jaghmel ebda tibdil, estern jew intern, fil-fond trasferit minghajr kunsens tas-socjetà venditrici (klawsoli 12 u 14 tal-kuntratt datat 21 ta' Jannar 2008).

Dan il-kunsens ma jirrizultax li nghata. Il-kwistjoni jekk dan l-obbligu jissussistix biss fil-konfront ta' Cold Stores Property Development Limited biss hija wahda li tmur lil hinn mill-iskop ta' dawn il-proceduri, galadarba l-istess venditrici hija wahda mir-rikorrenti odjerni.

L-abbli difensur tal-intimati mbaghad jargumenta li ma tigi kawzata ebda hsara irrimedjabbli jekk l-izvilupp jithalla jsir ghaliex f'kaz li l-Qorti eventwalment tiddeciedi mod iehor, binja tista' dejjem titwaqqa' jew tinhatt. Din il-Qorti ma taqbel xejn ma' dan l-argument. Ghalkemm fizikament possibbli, it-twaqqigh ta' binja hija soluzzjoni altament sproporzjonata u xejn mixtieqa fil-kuntest u dan minkejja li l-intimat dispost

jiehu r-riskju.  Din il-Qorti hija tal-fehma li f'dan l-istadju bikri tal-proceduri, huwa ferm aktar ghaqli li wiehed jistenna d-decizjoni ahharija tal-Qorti.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' definittivament it-talba ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kif mitluba fir-rikors tal-15 ta' April 2025.

L-ispejjez jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali.

IMHALLEF